MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1905/1999/1

**Carmela sive Lina Caruana**

**VS**

**Pauline Boffa u okkorendo zewgha Perit Joseph Boffa.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-cittazzjoni** li permezz taghha l-attrici ppremettiet illi:

Billi l-attrici hija xebba u toqghod ‘’Amaryllis’, San Anard Road , Tarxien.

Billi matul is-snin li ghaddew naqsu mid-dar ta’ residenza taghha bosta ghamara antika, u oggetti ta’ uzu kif ukoll oggetti merfughin, kollha appartenenti lill-attrici.

Billi l-attrici rat b’ghajnejha stess dawn l-istess oggetti fir-residenza tal-konvenuti u gharfithom bhala taghha u setghet anke tiddentifikahom bi precizjoni minhabba li kienu mmarkati.

Billi l-konvenuta hija prima kugina ta’ l-attrici min-naha paterna.

Billi l-konvenuta meta giet konfrontata dwar dan mill-attrici, ma nnegatx izda qalet semplicement lill-attrici imma m’ghandekx evidenza’.

Billi l-attrici ottjeniet il-hrug ta’ mandat ta’ qbid numru 3702/99 CD fejn gew elenkati l-imsemmija oggetti li talbet li jigu elevati minghand il-konvenuti.

Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-oggetti kollha elenkati fil- mandat ta’ qbid numru 3702/99 CD jippartjienu lill-attrici.

2. Tiddikjara illi lill-istess oggetti hemm elenkati jinsabu illegalment fil-pussess tal-konvenuti u qieghdin fir-residenza taghhom, fejn tqieghdu wara li gew mehuda mir-residenza ta’ l-attrici.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jirrestitwixxu lill-attrici l-ghamara u oggetti tal-uzu u oggetti merfughin li gew mehuda minghandha illegalment.

4. Tordna li f’kaz li xi whud mill-imsemmija oggetti jkunu nieqsa jew imhassra, il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu l-valur reali ta’ l-istess oggett kif stabbilit mill-Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid 3702/99 kontra l-konvenuti, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici a fol.3 tal-process.

Rat in-**nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol 9 fejn ecceppew**:**

Illi t-talbiet attrici huma nfondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

B’riserva ta’ kull dritt tal eccipjenti li jiehdu passi legali kontra l-attrici dwar l-allegazzjonijiet taghha.

B’riserva ukoll ta’ eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**PROVI**

L-attrici xehdet li mid-dar taghha bdiet tara oggetti spustjati jew neqsin u bdiet tinnota ukoll li ghamara li kellha bdiet tinbidel f’wahda ta’ kwalita’ inferjuri. Hi semmiet zewg zjarat li ghamlet ghand il-konvenuti, wahda meta kienu qed ibajjdu u ohra fil-Milied u f’dawn l-okkazzjonijiet bdiet tara oggetti simili ghal dawk li kellha fil-dar taghha. Uhud mill oggetti li rat ghand il-konvenuti kienu gew sostitwiti b’affarijiet simili li tpoggew god dar taghha. Kienet ilha hafna snin tara hekk u cjoe bejn is-snin sebghin u il-1995. Hi kkonfermat li hija l-propjetarja tal-oggetti indikati fil-mandat ta’ qbid 3702/99 - xi oggetti minnhom kienet xtrathom, ohrajn li kienu taz-zija u taghtomlha. Fl-ahhar kienet ikkonfrontat lill konvenuta, qaltilha li l-oggetti kienu taghha imma l-konvenuta wieghbitha li ma kelliex evidenza. L-attrici kompliet tghid li tul il-mori tal-kawza l-affarijiet mid-dar taghha komplew jonqsu, Hi qatt ma sabet bibien jew twieqi sgassati.

Pauline Boffa cahdet li huma hadu jew issosstiwew xi propjeta ta’ l-attrici u cahdet l-alleggazjonijiet kollha maghmula minnha. Hi ssostni li dak li qed tghid l-attrici

huwa kollu fantasija. Dwar l-oggetti maqbuda xehdet li l-mejda tal-pranzu, il-Welsh dresser u s-side board kienet xtrathom minghand Mizzi Antiques fil- 1974; l-arlogg tal-kampnar kienet xtratu minn Ghawdex; il-linfa tal-brazzi tal-hgieg xtratha minghand Vince Aquilina; u t-TV tal-marks Seleco xtratu minghand Buontempo – bis-serial number B0 8235 u ricevuti. Dok JB 3 u garanzija Dok JB 4 (fol 105 u 106).

Il-Perit Joseph Boffa ikkonferma dak li qalet martu u jghid ukoll li mill-lista ta' oggetti indikati fil-mandat ta' qbid ma nstabux l-oggetti kollha mitluba u li nqabdu hames affarijiet. Il-Marixxall kien nizzel dawn l-affarijiet Dok JB 1 fol 122. Dawn il-hames oggetti qeghdin fil-kustodja ta' Carmel Pace. Hu qatt ma kellu xugamani bl-ittri MCG u lanqas bin-numru, imma bil kliem Malta Goverment. Hu m'ghandux mejda tal-intrata interzjata u lanqas m'ghandu erba lampi taz-zejt. L-arloggi immuntati kien gabhom mieghu mid-dar ta' Rahal Gdid.

Xehdu wkoll Dr. Philip Micallef li qal li z-zewg arloggi li gew maqbuda hu spiss kien jaghtihom il-habel fid-dar tal-genituri tal-Perit Boffa. Hu qatt ma ra affarijiet tal-Perit Boffa ghand l-attrici. Bhala tabib, mid-diskors ta' l-attrici kien iddeduca li kien hemm xi haga li mhiex f'postha u kien issuggerilha li tara psikjatra ghal gid taghha stess.

Carmelo Pace xejed li hu kien gie imqabbad bhala konsennatarju fil-mandat 3702/99. Hu perswaz li l-hames oggetti maqbuda huma propjeta tal-konjugi Boffa. L-arlogg tal-kampnar inxtara mill-konjugi Boffa minn hanut ir-Rabat Ghawdex aktar minn 20 sena ilu fil-presenza tieghu u ta' martu Mary u flimkien kienu ittrasportawh ghad-dar tal-konjugi Boffa f'San Gwann. Iz-zewg arloggi kien spiss jarahom fid-dar tal-genituri tal-Perit Boffa f'Paola qabel dan mar joqghod San Gwann. Il-mejda tal-pranzu tifforma parti minn sett li ilu jarha fis-sitting/dining combined fid-dar tal-konjugi Boffa ghal aktar minn ghoxrin sena.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

F'dina l-kawza l-attrici qed titlob li jigi dikjarat li certi oggetti propjeta' taghha jinsabu fil-pussess tal-konvenuti u qeghdin fir-residenza taghhom wara li ttiehdu abuzivament u illegalment mill-konvenuti.

Ghalkemm fil-mandat ta' qbid (ara fol 123) li harget l-attrici hemm indikati tlettax il-oggett li l-Marixall suppost kellu jaqbad rrizulta li kull ma nstab li kien jaqbel ma dak indikat fil-mandat kienu hames oggetti li eventwalment gew maqbuda u mhollija ghand il-kunsinnatarju mqabbad mid-debitur skond il-ligi. L-attrici qed tirritjeni li dan gara ghax l-Marixall ma mexiex korrettement, izda mill-provi prodotti jirrizulta (ara xhieda tal-Marixall Charles Degiorgio) li hu ma kienx qabbad lill Albert Rizzo, billi l-ewwel dritt huwa tad-debitur, u l-konvenut kien qabbad lill Carmelo Pace, kif kellu dritt jaghmel. Il-mandat ma giex esegwit mill-ewwel billi meta l-Marixxal mar l-ewwel darba fuq il-post ghand il-konvenuti sab it-tfal biss.

F'dina l-kawza l-attrici ghamlet akkuza serjissima kontra l-konvenuti u cjoe li dawn serqulha l-oggetti li hija indikat fil-mandat mid-dar taghha. Il-Qorti wara li semghet il-provi tasal ghall konkluzzjoni li dina l-akkuza hija bla bazi billi l-konvenuti ma serqu xejn lill attrici anzi gabu provi li l-oggetti maqbuda mill-attrici huma taghhom.

L-attrici ilmentat li l-konvenut thalla juza kliem oggezzjonabili fil-konfront taghha u l-Qorti ma haditx passi biex tipprotegiha (ara verbal a fol 75 u l-ewwel parti tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha). Il-Qorti tirrileva li fejn l-attrici ma bezghatx u ma qaghditx tahsibha biex taghmel akkuzi serjissimi ta' serq fil-konfront tal-konvenuti, u fil-konfront ta' Dr. P. Micallef li dan ibati b'ezawriment mentali u b'dipressjoni, m'ghandiex tippretendi protezzjoni mill-Qorti.

Dwar it-talba attrici, l-konvenuti taw spjegazzjoni dettaljata (ara xhieda u dokumenti ezibiti li saret referenza ghalihom diga) ta' kif gew ghandhom jew meta nxtraw l-oggetti li gew maqbuda mill-marixxall. Il-marixall ma sabx l-oggetti l-ohra li semmiet l-attrici fil-mandat taghha ghax dawn ma jezistux u kif xehdet il-konvenuta l-allegazzjonijiet

maghmula mill-attrici huma frott tal-fantasija jew ossessjoni taghha. L-attrici ma gabet ebda prova konkreta li l-oggetti maqbuda huma taghha u l-mandat inhareg fuq is-semplici allegazzjoni taghha li rat dawn l-oggetti hames snin qabel inhareg il-mandat, fid-dar tal-konvenuti. L-attrici ma gabitx prova skond il-ligi li l-konvenuti kienu hadulha xi cavetta tad-dar u ghamlu kopja taghha.

Fuq dak li xehdet l-attrici, il-Qorti tosserva li kieku verament il-konvenuti serqu jew hadu xi affarijiet mid-dar ta' l-attrici ma kienux se joqghodu jistiednuha fid-dar taghhom u jistaqsuha jekk l-oggetti humiex taghha. Halliel ma jagixxiex hekk.

Jigi rilevat ukoll li nonostante li nhareg il-mandat ta' qbid u saret il-kawza kontra l-konvenuti l-attrici xehdet li tul il-provi tal-kawza l-affarijiet mid-dar taghha baqghu jonqsu, u dana nonostante li jirrizulta li minn 1994 il quddiem ma kienx hemm kuntatt bejn il-konvenuti u l-attrici. Mhux immaginabbli l-konvenuti bl-akkuzi li ghamlet l-attrici kontra taghhom ser ikomplu jisirqulha l-oggetti u dana matul il-kors tal-kawza (ara fol 115).

Skond l-istess attrici, dan l-allegat serq jew sostitwizzjoni ta' oggetti fid-dar taghha baqa' sejjer tul ta' snin cjoe mis-snin sebghin sal- 1995, u nonostante dan, qatt ma sabet twieqi jew bibien sgassati. Inoltre hu difficili wiehed jifhem kif l-attrici tghid li naqsulha affarijiet kbar bhal linef, TV, imwejjed u bil-kemm tinduna li giet misruqa, u dana meta kienet qed tghix f'dik id-dar.

Lanqas ma hu spjegabbli kif dana l-agir dam sejjer is-snin mis-sebghinijiet u kien biss fil- 1999 li ccaqilqet, u dana hames snin wara li l-attrici qatghet il-kuntatt mal-konvenuti. Huwa sinjifikanti l-fatt li rapporti lill pulizija ma nstabux, passi kriminali qatt ma ttiehdu kontra l-konvenuti, u l-poloz ta' assikurazzjoni li kellha l-attrici ma gewx imgedda minhabba d-diversi rapporti ta' claims li ghamlet u li jidher li ma gewx imhallsa.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-talbiet attrici huma nfondati u vessatorji.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talbiet attrici
Bl-ispejjez kontra taghha
B'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill konvenuti kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------